TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 217/15/GB

**Brandon Galea**

**vs**

**Go plc**

Illum 27 ta' Jannar 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Novembru, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn disgha u disghin Ewro (€299.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal *mobile phone*, li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema *mobile phone* kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

L-ghada li gara l-incident bil-*mobile phone*, huwa kien mar ghand is-socjeta' ntimata, fejn x'hin qalilha x'gara, is-socjeta' ntimata qaltlu li kien qed jigdeb u li huwa kellu l-*mobile phone* miftuh biex wassal l-ilma jidhol ġewwa. Ir-rikorrent assigura li jekk il-*mobile phone* ma jkunx maghluq, ma jahdimx.

Wara xi xahar, is-socjeta' ntimata nformatu li jekk ihallas l-ammont ta' hdax-il Ewro (€11.00), hija tkun tista' tirrangah, iżda wara ftit is-socjeta' ntimata nformatu li l-*mobile phone* ma setax jissewwa u li xorta wahda kellu jhallas il-hdax-il Ewro (€11.00).

Ir-rikorrent ma qabilx li dan l-ammont kien ġustifikat, u ghalhekk ma hallasx l-imsemmi ammont u ma ġabarx il-*mobile phone* in kwistjoni.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-Talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-incident bil-*mobile phone* m'huwiex kopert mill-garanzija.

Illi l-*mobile phone* kien imxarrab diga' meta gie mghoddi lis-*service centre*.

Illi billi d-*device* diga' kellu sinjali ċari ta' *corrosion*, is-*supplier* tas-socjeta' ntimata ma setax isewwieh id-*device*.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub fejn zied jistqarr illi l-*mobile phone* kien waqa' fit-*toilet* inċidentalment, u huwa kien fethu u hallieh tliet ijiem miftuh. Meta hadu ghand is-socjeta' ntimata, hija qaltlu li ma kienx ghalqu sew u li se tibghatu ghat-tiswija. Wara dan, is-socjeta' ntimata qaltlu li ma kienx qed jixghal u qaltlu li kellu jhallas hdax-il Ewro (€11.00) bhala *service charge*. Ir-rikorrent żied jghid li ma marx ghalih ghaliex ma riedx ihallas dan l-ammont, stante li ma kienx jippretendi li *mobile phone waterproof* jiġrilu hekk.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.BG1; flimkien ma' dokument bhala prova li l-*mobile phone* in kwistjoni huwa *waterproof*, li gie mmarkat bhala Dok.BG2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi l-agent taghha mill-ewwel kien informa lir-rikorrent li l-*mobile phone* kellu l-ilma go fih. *Waterproof* ifisser li kollox ikun maghluq u ssiljat u l-*liquid indicator* wera bic-car li kellu l-ilma ġewwa.

Is-socjeta' ntimata ezebiet ritratt tal-*motherboard* tal-*mobile phone* in kwistjoni, minn fejn irriżulta li hemm *corrosion*, li gie mmarkat bhala Dok.GO1; kopja tat-termini u kondizzjonijiet iffirmata mir-rikorrent, li ġiet immarkata bhala Dok.GO2; flimkien ma' dokument bhala prova ta' kemm-il darba ghamlet kuntatt mar-rikorrent sabiex jiġbor il-*mobile phone* in kwistjoni, li gie mmarkat bhala Dok.GO3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ra l-provi prodotti mis-socjeta' ntimata u n-nuqqas ta' provi mressqa mir-rikorrent, qed jichad it-talba tar-rikorrent fuq nuqqas ta' provi u jordna lir-rikorrent jiehu lura fil-pussess tieghu l-*mobile phone* in kwistjoni filwaqt li jirritorna l-*loan phone* lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**